MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1019/2001/1

Kawza fil-lista: 26

**Professur Kenneth Wain**
**Vs**
**Emanuel sive Manwel Cuschieri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fil-program "Tajjeb li tkun taf" imxandar fuq Super One Radio nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju 2001, il-konvenut Emanuel sive Manwel Cuschieri ghamel attakk fuq l-integrita' professjonali u personali ta' l-attur, li huwa Professur ta' l-Edukazzjoni fl-Universita' ta' Malta u ex-Dekan tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni u huwa involut fil-qasam ta' *teacher education*. L-attur kellu u ghad ghandu

karigi importanti fil-qasam ta’ l-edukazzjoni, fosthom Chairman tal-Fundazzjoni ghas-Servizzi Edukattivi. Huwa kien gie mahtur l-ewwel Chairman tal-Kummissjoni dwar il-Moralita’ Fiskali.

Peress illi l-konvenut akkuza lill-attur b’politika partiggjana kif ukoll bi slealta’ u illi qed jabbuza mill-posizzjoni tieghu fil-qasam ta’ l-edukazzjoni. Akkuzah ukoll illi ghandu motivi ulterjuri u li mhux ta’ min jafdalu l-edukazzjoni f’idejh.

Peress illi l-konvenut akkuzah ukoll li qed iqatta’ l-hin tieghu ghall-interessi partiggjani tieghu minflok fil-hidma edukattiva li giet fdata lilu. Dawn l-akkuzi saru minhabba l-kariga li ghandu l-attur bhala membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-M*oviment “Iva ghall-Ewropa”*.

Peress illi dawn l-akkuzi fuq stazzjon tar-radju saru bil-hsieb li jaghmlu hsara lill-attur u jtellfulu, f’ghajnejn il-pubbliku in generali, l-istaff akkademiku u l-istudenti ta’ l-Universita’ ta’ Malta, l-indipendenza tieghu fil-hidma edukattiva u jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku.

Peress illi dawn l-akkuzi, minbarra li jassocjawh ma’ politika partiggjana, inehhulu l-indipendenza tal-hsieb li huwa ghandu jedd li jhaddan bhala cittadin. L-attur ikkritika kull meta ma qabilx ma’ xi mizura proposta, irrispettivament mill-politika partiggjana.

Peress illi l-attur ghandu d-dritt ghad-danni ghar-riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama kif ukoll ghall-hsara li saritlu professjonalment bhala edukatur minhabba dawn l-akkuzi foloz malizzjosament imxandra.

Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-attur permezz tal-programm “Tajjeb li tkun taf” imxandar fuq Super One Radio nhar it-Tlieta, 22 ta’ Mejju 2001, li l-ghan tieghu kien li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur bhala l-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hamest elef lira (Lm5,000).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra, inkluzi proceduri kriminali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-allegazzjonijiet ta' l-attur fil-konfront ta' l-eccipjent huma infondati fil-fatt u fil-ligi.

2. Illi l-eccepjent bl-ebda mod ma ghamel xi diskors libelluz fil-konfront ta' l-attur.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-kummenti waqt il-program imsemmi mill-attur kienu jikkonsistu fl-espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement,* tal-eccepjent u inoltre huma *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

4. Illi inoltre huwa nieqes ghal kollox l-element ta' l-*animus injurjandi*, billi l-kummenti ta' l-eccepjenti kienu evidentement intizi bhala kritika ta' l-attur u l-agir tieghu fil-vesti tieghu pubblika fuq materji ta' kontroversja u interess pubbliku.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;
Illi l-attur hass ruhu malafamat u ingurjat b' diksors li ntqal mill-konvenut waqt il-programm radjofoniku bl-isem Tajjeb li tkun taf immexxi mill-istess konvenut, u precisament fl-

edizzjonijiet li nzammu fid-dati tas-17, 18 u tat-22 ta' Mejju 2001.

L-attur, li huwa persuna rinomata u stmata hafna fil-qasam edukattiv, hass ruhhu ingurjat u oggezzjoni ghal certu diskors li ntqal fil-konfront tieghu, attribwibbli ghalih direttament u indirettament, u li hu jsostni li telliflu mir-reputazzjoni personali u professjonali tieghu, immina l-attivita' professjonali tieghu fil-qasam edukattiv u esponih ghad-disprezz pubbliku in generali, tal-ghalliema, tal-genituri u tal-istudenti fl-Universita' fejn jghallem. Jsostni li dak id-diskors kien jikkostitwixxi attakk personali fuqu u huwa bazat fuq fatti foloz.

Il-meritu tal-kas isib l-origini tieghu fil-fatt li fiz-zmien li kienet qeda tigi diskussa il-kwistjoni nazzjonali rigwardanti d-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, l-attur kien, fuq bazi personali, ssieheb mal-Moviment IVA li kien ihallan l-istess ideologija jew fehma promossa mill-Partit Nazzjonalista, u li kienet f' konfront dirett mal-pozizzjoni tal-Partit Laburista li f' dak iz-zmien kien qed jopponi ghall-idea li Malta tissieheb fl-imsemmija Unjoni. Jidher mill-kontenut tal-imsemmija edizzjonijiet tal-programm li uhud mill-esponent tal-Partit Laborista, u precisament Evarist Bartolo, kien oggezzjoni ghall-fatt li l-attur, li kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Fondazzjoni ghas-Servizzi Edukattivi, kien issieheb mal-imsemmi moviment. Il-kontenut tal-programmi fuq indikati kien ibbazat fuq dan il-hsieb, u jidher ukoll li parti mill-ilmenti tal-konvenut fil-konfront tal-attur kien il-fatt li bejn is-sena 1996 u 1998 fiz-zmien Amministrazzjoni Laburista l-attur kien tant stmat u fdat li kien gie appuntat membru fuq zewg Kummissjonijiet importanti ghall-pajjiz.

Fost il-brani specifikati mill-attur bhala ingurjuzi hemm is-segwenti:

"Ma nistghux nafdaw iktar lil min ghalih il-politika partiggjana, il-kontroversja politika tigi qabel l-interess tat-tfal fl-iskejjel. Tigi qabel l-interess ta' qasam tant importanti u delikat bhalma huma dak ta' l-edukazzjoni."

"Min ghazel il-kontroversja politika. Min ghazel li jkun partiggjan. Min ghazel li l-politika ghalih hija qabel kollox …. Jekk irridu pajjiz serju b' amministrazzjoni serja ma nistghux nitghabbew b' nies ta' din il-kwalita'. Suppost mohhna mistrieh bhala poplu, bhala genituri, illi dawn in-nies imhallsa mill-poplu l-ewwel prijorita' taghhom hija l-qasam edukattiv u fl-istess hin insiru nafu illi parti kbira mill-gurnata jqattawha jahdmu fuq il-kontroversja politika."[1]

L-attur fid-deposizzjoni tieghu spjega li dan id-diskors kkunsidrat fil-kuntest tad-diskors kollu li sar f' dawn it-tlett programmi, jimminawlu l-reputazzjoni tieghu kemm personali kif ukoll professjonali. L-attur jilmenta li dan id-diskors jisfiducjah f' ghajnejn in-nies u jnaqqaslu giehu, stante li jipprogettawh bhala persuna inaffidabbli, u li ppartecipa fil-politika partiggjana nonostante l-karigi sensittivi okkupati minnu, u wkoll bhala ghalliem gie progettat li jpoggi l-interessi parteggjani qabel l-interessi tal-istudenti, u li jiddedika parti kbira tal-gurnata ghall-kontorvesja politika minflok ghall-interess tal-istudenti u tal-kamp edukattiv. Jilmenta wkoll mill-attribut li huwa kien involut fil-politika partiggjana. L-attur jispjega li l-Moviment IVA ma kienx partit politiku izda kien moviment li kien qed jippromwovi issue nazzjonali, u li l-partecipazzjoni tieghu fl-imsemmi Moviment kienet bazata fuq il-konsiderazzjoni li huwa kien qed jezercita' l-liberta' tal-espressjoni bhala bniedem, kif ukoll kien fid-dmir li bhala persuna intellettwali jaghti l-kontibut tieghu f' dak id-dibattitu nazzjonali.

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut jghid li d-diskors li ntqal f' dawn il-programmi ma kienx libelluz, izda kien ammissibbli bhala value judgment da parti tal-konvenut u fair comment fuq materja ta' interess pubbliku. Inoltre kien nieqes ghal kollox l-element ta' l-animus injurjandi.

Fid-deposizzjoni tieghu, il-konvenut jghid li l-attur "huwa persuna kompetenti, stmat, dejjem ta kontribut importanti

[1] Traskrizzjoni tal-edizzjoni tat-22 ta' Mejju 2001 – Fol.29 – 31

ghall-qasam tal-edukazzjoni, u li jien mill-memorja tieghi jirrizultali li that Gvern Laburista kien naturlament moghti l-fiducja kollha assoluta biex jahdem f' dan il-qasam." Wara li ppremetta dan il-konvenut sostna li "huwa ta' disservizz lill-qasam ta' l-edukazzjoni li persuna tant stmata minnu kulhadd fil-pajjiz f' qasam tant importanti, tidhol f' kontroversja politika."[2] Il-konvenut jikkonkludi li dan kien il-hsieb tieghu wara d-diskors tieghu.

Illi in tema legali huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi, ghalkemm fis-sistema legali taghna sar zvilupp in materja fis-sens li r-restrizzjonijiet li taghmel il-Ligi ta' L-istampa ghandhom jigu nterpretati fid-dawl ta' L-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Tal-Bniedem (kif interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani), u kwindi dan wessa' d-dritt ta' L-espressjoni; madankollu l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita`.

[2] Illi l-liberta' ta' l-istampa ghandha dejjem tigi salvagwardjata billi hija wiehed mill-ingredjenti fundamentali ta' kull socjeta' demokratika, izda b' daqshekk l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita', billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Il-bilanc li jrid jinzamm bejn il-bzonn li fis-socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb li kull persuna f' socjeta' demokratika ghandu kull dritt li jgawdi.[3]

[3] Illi f' kazijiet li jiggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu involuti persuni pubblici, il-limiti tal-kummenti huma wesghin, pero' hemm dejjem limiti. Implikazzjonijiet minghajr fondament maghmula ghal kwalunkwe raguni,

---

[2] Fols.84 - 85

[3] App.Civ. ***Vincent Borg vs Victor Camilleri*** [1994] [Vol.LXXVIII.II.I.372]

anke possibbilment ghal raguni politika ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta’ fatti li iqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici.

[4] Il-ligi taghna mhijex injara tal-kuncett ta’ interess pubbliku u l-fatt li persuni f’ karigi pubblici u importanti necessarjament huma esposti ghall-kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita’ tal-fatti f’ diversi kazijiet ta’ personalitajiet pubblici [Art.12][4] Izda l-istess generu ta’ persuni ghandhom l-istess drittijiet ghall-preservazzjoni ta’ integrita’ u l-fama taghhom daqs haddiehor, u f’ certu sens malafama fil-konfront taghhom hija aktar serja, peress li l-operat taghhom huwa dejjem suggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku, fuq liema appogg tiddependi l-posizzjoni u l-ezistenza taghhom, u ghalhekk tista’ ssir aktar hsara lill-istess persuni hekk suggetti ghall-opinjoni pubblika.[5]

[5] Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta’ espressjoni libera teccedi dak li hu ragjonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta’ haddiehor, huwa proprju fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti.[6] Hadd ma ghandu dritt jattribwixxi atti malafamanti lill-persuna, multo magis meta din tkun tokkupa kariga pubblika u prominenti fil-pajjiz, jekk tali atti ma jkunux veri u ppruvati bhala tali, ghaliex hemm wiehed jidhol fit-territorju tal-malafama u konsegwenti dritt ta’ persuna, li tiddefendi r-reputazzjoni taghha, u tigi kumpensata jekk dak li ntqal fuqha ma jkunx jirrifletti l-verita’.[7]

[6] Illi fid-determinazzjoni tal-punt jekk artiklu huwiex libelluz jew le, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mhux biss dak li gie miktub espressament, izda ghandu jigi ezaminat jekk mill-assiem tal-artiklu johrogx car dak li jkun qed jigi manifestament implikat.[8] Wiehed ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artiklu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran; u f’ din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta’ talvolta

[4] App.Civ.***Onor. Dr.Eddie Fenech Adami et vs Joseph Vella et*** deciza fl-1 ta’ Frar 1998.
[5] Prim. Awla [RCP] ***Onor.Dr.Alfred Sant vs Dione Borg*** deciza 30.04.2002
[6] Prim Awla [NA] ***Onor.Charles Buhagiar vs Ray Bugeja*** deciza 19 ta’ Jannar 1996
[7] Vide App.Civ. ***Dottor Joseph Troisi vs Reverendu Father Emmanuel Grima et*** noe. Deciza 10 ta’ Ottubru 2003
[8] App.Civ. ***Onor.Dr.Joseph Fenech vs Evarist Bartolo noe*** deciza 8 ta’ Gunju 1999.

kellu f' rasu min kiteb l-artiklu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra l-qarrej.[9] F' materja ta' libell wiehed ghandu jara proprjament dak li l-guristi Inglizi jsejhu the string of the libel u kif jifhmu bniedem ragjonevoli ta' intelligenza normali u li jkollu konoxxenza tac-cirkostanzi korrenti.[10]

[7] Illi rigward id-difiza tal-Fair Comment, gie ritenut li "Meta pero flok kumment [jew opinjoni] ikollok allegazzjoni jew insinwazzjoni ta' fatti fihom infushom ingurjuzi u li ma jirrizultawx sostanzjalment provati, anke fis-socjeta' moderna demokratik jibqa' validu l-kument ta' l-Imhallef Kennedy fil-kawza Peter Walker Ltd. vs Hodgson: Where the words which are alleged to be defamatory allege, or assume as true, facts concerning the pliantiff which plaintiff denies, and which either involve a slanderous imputation in themselves, or upon which the comment bases imputations or inferences injurious to the plaintiff, it is settled law that the defence of fair comment <u>fails unless the comment is truthful</u> in regard to its <u>allegation or assumption of</u> <u>facts</u>." [App.C.Professur Anthony Debono vs Father Emmanuel Grima et deciza 10.10.2003]

Inoltre, gie osservat li_ "Whether a statement is one of fact or is a comment is a matter of interpretation in the light of all the circumstances known to those to whom the words are published, in particular the context in which the words appear. If in the light of those circumstances a reasonable member of the public would understand the words as the expression of an opinion on facts, or as an inference drawn from facts, the words will be held to be comment [Gatley – App.S. Alfred Attard vs John Vella 17.01.2005]

[8] Illi in kwantu ghall-element tal-animus iniuriandi gie ritenut li meta l-kliem jew il-fatti ikunu fihom infushom ingurjuzi, ikun inutili li jigi eccepit li ma kinex hemm l-animus iniuriandi, ghax f''dan il-kaz, dan l-element jkun prezunt – cum verba sunt per se iniurosa, animus

---

[9] Prim Awla [WH***] Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et*** deciza 28 ta' Novembru 1953.

[10] App.Civ. ***Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et***. [1997] Vol.LXXX.II.169.

iniurjandi praesumitur.{App.Civ. Onor.Prof.Rizzo Naudi vs Felix Agius [1997][Vol.LXXXI.II.533]

Illi stabbiliti il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-applikazzjoni tal-principji fuq affermati, ghall-kaz odjern.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li ma hemmx dubju li l-kontenut ta' dawn it-tlett edizzjonijiet kien jittratta dwar il-partecipazzjoni tal-attur fil-Moviment IVA. Ma hemmx dubju wkoll, li semmiegh ta' intelligenza ordinary jintebah mill-ewwel li s-suggett kien jikkoncerna lill-attur li ssemma b' ismu hames darbiet, u li mill-meritu trattat kien jidher car li l-konvenut kien qed jilmenta, anzi jikkritika, din il-partecipazzjoni tal-attur f' dan il-moviment. Ghalhekk, anke fejn il-konvenut juza l-kliem "nies ta' din il-kwalita'" ir-referenza ghall-attur hija cara daqs il-kristall.

Illi fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li jirrizulta wkoll car li l-kontenut tad-diskors li ntqal mill-konvenut, anke b' referenza ghall-diskors li qalu terzi persuni, u li hu qabel mieghu u zied fuqu, huwa ta' karattru malafamanti ghall-attur, b' mod partikolari il-brani fuq citati li jddeskrivuh bhala persuna inaffidabbli, involuta fil-politika "partiggjana" u li tpoggi l-kontroversja politika qabel l-interessi tat-tfal. Dan id-diskors meta jigi attribwit ghal persuna bhal l-attur, li fil-passat okkupa karigi importanti u sensittiv fil-qasam edukattiv, u li huwa persuna stamata u rinominata ghax-xoghol tieghu professjonali, jassumi karattru libelluz u l-kliem "jekk irridu pajjiz serju b' amministrazzjoni serja ma nistgux nitghabbew b' nies ta' din il-kwalita" jmmina l-integrita' tal-attur u r-reputazzjoni tieghu ta' bniedem serju.

Inoltre, nonostante dak li xehed il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu, id-diskors li ntqal minnu jirrendi applikabbli l-principju legali fuq espost rigwardanti l-element tal-animus iniurjandi.

Illi in kwantu ghal-linji difensjonali tal-value judgements u tal-fair comment, il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok il-konvenut ma llimitax ruhhu ghall-espressjoni ta' opinjoni, izda attribwixxa fatti lill-attur, bhal per, ezempju li dan ipoggi l-kontroversja politika qabel l-interessi tat-tfal, kif

ukoll li jimpjega parti kbira tal-gurnata ghal dan l-iskop minflok ghall-interessi tat-tfal. Fit-tieni lok, jigi osservat li il-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dak minnu allegat. Mill-banda l-ohra, l-attur ressaq diversi xhieda li xehedu dwar ir-reputazzjoni u integrita professjonali tieghu, u dghajjfu serjament l-allegazzjonijiet imputati lill-attur mill-konvenut. Inoltre, id-diversi karigi okkupati minnu jikkonfortaw lill-attur f' dan ir-rigward. Fil-fatt, kif jirrizulta inkontestat mill-affidavit tieghu, dana kien okkupa l-karigi ta' Dekan tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni fl-Universita' ta' Malta that zewg Amministrazzjonijiet, kien serva fuq is-Senat tal-istess Universita' u anke kien nominat Chairman ta' kumitati u kummissjonijiet kif fuq indikat. Inoltre, il-konvenut stess xehed dwar ir-reputazzjoni tajba li jgawdi l-attur. Dan il-fatt, fil-fehma tal-Qorti jirrendi l-azzjoni tal-konvenut aktar gravi, fid-dawl tal-konsiderazzjoni li,, nonostante li dan kien jaf li l-attur huwa bniedem stmat u rinomat fil-qasam tieghu, huwa xorta wahda, minghajr verifiki u provi, attribwixxa lill-attur fatti li rrizultaw skorretti.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u tiddikjara d-diskors li ntqal fl-edizzjonijiet surreferita mill-konvenut, bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li jesponih ghad-disprezz tal-pubbliku; tikkundanna lill-istess konvenut jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira maltin [Lm300] in linea ta' danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap.248, bl-imghax mid-data ta' dan il-gudizzju, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------